**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 615/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**
**vs**
**Vincent Xuereb**

**Illum 21 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> Vincent Xuereb, ta' 52 sena, bin Salvu u Mary nee' Farrugia, mwieled il-pieta, nhar il- 31 ta'Jannar 1966, residenti 25, Holma, Triq ix-Xarr il-Palm, Baħar iċ-Ċagħaq, detentur ta, Karta tal-ldentita, numru 82266(M).

Billi hu akkużat talli fix-xahar ta'Gunju 2018 u fix-xhur u snin ta'qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda Ii jiksru l-istessdispozizzjoni tal-Liġi u li gew magħmula b'rizoluzzjoni waħda;

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaga b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża, dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn erba t'elef u disa mitt Ewro (€4,900), għad-dannu ta' **Mohamed Al Kaled, David Zahra u Maher Mohammed**;

2. Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi naqas milli jħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti lstruttorja, Magistrat, Dr. Antonio Mizzi LL.D., b'digriet datat 15.10.2012 u li permezz tiegħu ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzonijiet, fosthom li ma tikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja.

3. U aktar talli kiser ordni ta' Probation, meta wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation, hekk kif ikkontemplat f'Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta, Malta, mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati (Marta) fit-22 ta, Mejju, 2018;

4. U aktar talli kiser ordni ta'trattament, meta wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Trattament, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, moghtija mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22ta’ Mejju, 2018;

5. U aktar talli sar reċidiv ai termini ta' I-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat ghall-reati, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex filkaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ġtija tikkundanna lill-akkużat/i għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x’ kaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tat-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta, Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur George Frendo li qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta’ l-imputat fis-seduta datata 15 ta’ Novembru 2018.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioe’, estratt miċ-ċertifikat tat-twelid, fedina penali, Rapport tal-inċident, Kunsens tal-Avukat Ġenerali, DOK GF1, Dok GF2, Dok GF3, Dok MM1, DOK JBS1 u Dok CB1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe’ lil ispettur George Frendo, Mohammed Al Khaled, David Zahra, Mark Pisani, Dr. Neil Harrison, Nutar Dr. Anton Borg, Nutar Dr. Nicholas Briffa, Probation Officer Charissa Boffa, Mohammed Maher Mohammed, Joseph Salibau l-Probation Officer Charisse Boffa.

Saret trattazzjoni;

**Ikkunsidrat**

**Spettur George Frendo** xehed u qal li fit-23 t'Awwissu 2018 il-Pulizja kienu gew infurmati mill-Agenzija ID Malta li certu Mohammed Al Khaled li huwa Sirjan kien hallas is-somma ta' 2500 Euro sabiex jirranga halli jgieb VISA ghal mara tieghu. Ghalkemm kien hallas dan l-ammont il-mara tieghu qatt ma kienet giet Malta. Huwa kien iltaqa' ma' l-imputat tramite Mark Pisani. Barra l-applikazzjoni ghal VISA kien se jkun hemm ukoll applikazzjoni ghal permess tax-xoghol. Illi mill-investigazzjoni li kienu ghamlu l-Pulizija, l-imputat qatt ma kien impjegat mal-Agenzija ID Malta. Minn dak li hareg mill-investigazzjoni kien hemm ukoll persuna ohra li safghet vittma tal-imputat certu David Zahra. Gara li David Zahra kien ta cekk lill-imputat sabiex jissarraf u dan qatt ma kien sehh. Persuna ohra li sefghet vittma wkoll kienet Maher Mohammed. Illi l-imputat kien qallu li jrid jithallas 3500 Euro u l-ftehim kien li 1500 bil-quddiem u l-ohrajn wara li kien jirrgangalu jgieblu l-mara. Il-ftehim li kien sar gie iffirmat kuntratt ghand zewg nutara differenti u wara li n-nisa taghhom qatt ma gew Malta, kienu ghamlu rapport. Minn naha ta' Mark Pisani dan kien qal li kien iltaqa' mal-imputat u kien qallu jekk ikun jaf lil xi hadd ghal xi VISA jkun jista' jirrangalu u kien ghalhekk li kienu ltaqaw mal-imputat. Meta gie arrestat l-imputat dan kien ammetta dan kollu u kien lest li jhallas kollox lura.

**Mohammed Al Khaled** qal li giet persuna fuqhu u kienet qaltlu li lest jlaqqaw ma' persuna ohra li jista' jghinu jgieb il-mara tieghu minn barra. Dan kien f'Mejju 2018 meta ltaqa' ma' din il-persuna. Huwa gharaf lill-imputat u kien qallu sabiex jaghmel dan kien ried li jhallasu s-somma ta' 2200 Ewro. Ghal bidu ma riedx jaghtih il-flus minhabba li ma kienx jaf min hu u kien qallu li jhallsu wara li kien igieb il-mara tieghu minn barra. Fil-fatt kien qalli biex immur mieghu ghand Nutar sabiex ma jitlif il-flus. Qabel ma dahlu ghan in-Nutar l-imputat kien qallu li ma jghid xejn lin-Nutar izda jghid li kien se jsellef il-flus biss. Qabel ma' dahal ghand in-Nutar kien tah is-somma ta' 1500 Euro. Ftit wara kien ċempillu u qallu li kellu bzonn xi flus ohra u kien se jiehu xi gimgha biex jghaddu l-karti. Illi ghalhekk b'kollox kien tah is-somma ta' 1850 Euro.

**David Zahra** minn naha tieghu qal li l-partner tieghu fuq ix-xoghol kien talbu biex jirranga l-karti halli jgieb il-mara tieghu lejn Malta. Dan Mohammed Alkaled kien ltaqa' ma' wiehed bit-trakk taz-zibel kien qallu li jekk jaf lil xi hadd li ghandu bzonn VISA kien jista' jressqu ma' persuna. Sar appuntament biex jiltaqa' ma' din il-persuna bl-isem ta' Vincent Xuereb u kien qallu li jista' jirrangalu. Fil-fatt kien talbu s-somma ta' 2500 u jmoru ghand Nutar halli jsir kollox bil-miktub fejn huwa mar mieghu ghand in-Nutar minhabba li ma kienx jaf jaqra bil-Malti. Saret karta ta' self ta' somma ta' 2500 Euro izda kif hargu barra tah is-somma ta' 1500 Euro u hallas ukoll lin-Nutar. L-imputat kien kelmu u qallu li jekk jistax jaghtih cekk u jsarraf dan ic-cekk. Meta fil-fatt iltaqghu kien qallu jekk jistax igieb c-cekk l-ghada u jiehu l-flus xorta. Fil-fatt hekk sar u kien tah 1350 fi flus izda c-cekk qatt ma kien gie. Meta ghadda ftit taz-zmien l-imputat ma deherx aktar u irnexxielhom jakkwistaw in-numru tieghu ghalkemm kellhom sitt

numri. Il-persuna li jahdem ma' taz-zibel ma kienx jaf min kien izda rigward ic-cekk kien ghamel hekk bi pjacir ghal siehbu minhabba li kien qieghed suppost jghinu l-imputat.

**Mark Pisani** qal li huwa kien gewwa B'Kara u ltaqa' mal-imputat u kien qalli li jekk ikollu bzonn xi haga kien ikellmu fuq xi karti. Kien tani n-numru u waqt li kien qieghed bit-trakk ra wiehed barrani u kien qallu jekk ikollu bzonn xi haga dwar karti. Huwa ma kienx se jiehu ebda flus minn dan kollu. Illi rigward l-imputat huwa jahseb li kien hu minhabba li kein rah darba.

**Dr Neil Harrison** xehed u qal li huwa jahdem mal-Agenzija ID Malta u kien ghamel rapport mal-Pulizija fuq certu Vincent Xuereb wara li persuna ta' nazzjonalita' Sirjana Mohammed Elkaled kien irraporta li persuna Maltija kienet qeghda titlob il-flus sabiex tirranga VISA halli tidhol il-mara tieghu u tibqa' tghix hawn. Dan il-persuna kien Vincent Xuereb li rriżulta li ma kienx impjegat mal-ID Malta. Mill-indagini li ghamlu lanqas ma kienu inhargu VISA ghan-nom tal-mara ta' Mohammed Elkaled. Illi ghalhekk kienu nfurmaw il-Pulizija fuq hekk.

**Dr Anton Borg** ikkonferma li huwa kien ghamel kambjala pagabli lil Maher Moahmmed. Illi skont din il-kambjala s-somma kienet li ghandu jaghti lil John Borg, elf Euro. Huwa jiftakarx li suppost kien gie quddiemu Vincent Xuereb.

**Dr Nicholas Briffa** qal li fil-11 ta' Gunju 2018 kienet gie iffirmat kambjala minn Mohammed Elkaled u Vincent Xuereb. Huwa ikkonferma d-dokument lilhu muri mill-file tal-pulizija u kompla jghid li l-persuni kienu gew quddiemu.

**Charissa Boffa** ikkonfermat li hija qeghda ssegwi lill-imputat minhabba li kellu ordni wara sentenza mghotija mill-Magistrat Joseph Mifsud. Hija qalet li l-imputat ghandu problema kbira ta' flus minhabba loghob u uzura. It-tifla tal-imputat qalet li keinet taf li missiera ghandu problema kbira minhabba flus illi pero' dawn l-ahhar sitt xhur hadd ma gie jhabbat il-bieb tad-dar taghhom. Kompliet tghid li mhux dejjem kien qieghed izomm l-appuntamenti li kien ikollu. Ghalkemm kien qieghed imur ghand psikologu ftit li xejn kien qieghed izomm l-appuntamenti tieghu. Illi pero fil-bidu ma kienx jaf l-iskop tal-probation izda issa qieghed jifhem.

**Mohammed Maher Mohammed** qal li kien kellem lil wiehed biex jghinu jgieb il-mara tieghu mit-Turkij bil viza. U ghal dan il-ghan kien talbu 1500 Euro u wara naghtih is-somma ta' 4000 EuroKienet saret karta bil-miktub u kien tah is-somma ta' 1500 Euro. Illi wara li kien ghadda z-zmien il-mara qatt ma kienet giet. Il-habib tieghu Mohammed Kaled kien qallu bl-imputat li jista' jirrangalu l-affarijiet. Illi wara xi zmien kien tah ukoll 200 Euro u b'kollox kien hareg 1700 Euro. Huwa esebixxa wkoll kambjala ghas-somma ta' 2500 Euro iffirmata minn Vincent Xuereb.

**Joseph Saliba** esebixxa kopja tal-employment history tal-imputat.

**Chariss Boffa** regghet xehdet u prezentat dokument CB1.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti ta' dan il-kaz huma li l-imputat kien avvicina persuna sabiex jekk ikun jaf lil xi hadd li ghandu bzonn xi ghajnuna ghal xi dokumenti jkun jista jaghmilhom hu. Gara li Mark Pisani kien kellem lil certu Mohammed Al Khaled dwar jekk ikollu bzonn xi dokumenti jkellem lil Vincent Xuereb. Fil-fatt hekk kien sar fejn l-imputat kien talbu somma ta' flus halli jkun jista' jirrangalu ghal visa tal-mara tieghu. Illi dan Mohammed Al Khlaed kien qal li kienu iffirmaw kambjala ghand in-Nutar u kien tah is-somma ta' 1500 Euro. Illi gara li fil-fatt qatt ma kienet inharget visa ghal mara tieghu. Wara li kien sar rapport mal-ID Malta, minn naha taghhom talbu invstigazzjoni lil Pulizija minhabba dan il-fatt. Illi gara wkoll li David Zahra kien ta somma ta' flus lill-imputat minhabba li kien qallu jekk jistax jsarraflu cekk izda ghalkemm kien tah il-flus dan ic-cekk qatt ma kien wasal ghandu. L-istess ghal dak li qal Mahem Mohammed li l-imputat kien wieghdu li jista' jgieb il-mara tieghu billi jirrangalu ghal visa. Ghalkemm kien tah il-flus din qatt ma sehhet u kien anki iffirma kambjala ghal dan il-ghan minhabba li ma kien qieghed jafdah billi jaghtih il-flus kollha.

Ikkunsidrat

Fil-kawza bl-ismijiet il-Pulizija vs George Manicolo deciza fil-31 ta' Lulju 1998, il-Qorti tal-Appell qalet:

> "Illi l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid testwalment li:
> **308.** Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel…
> Illi l-gurisprudenza tal-Qrati ta' Malta dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif hemm indikati f'dak li jghid l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mil-frodatur, liema haga in realta, ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi

lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux sempliciment wieghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm important fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, ma' dan it-tip ta' kliem jkun elowenti, studjat u perswassiv, ma' dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentament tikkonferma u tipprova l-fatti assesnti, cioe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.

Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenza qligh ghall-agent frodatur.

Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta' truffa min jaghmel uzu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta' haddiehor."

Illi tenut kont ta' dan kollu li kif gie spjegat minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar dawk l-elementi necessarji ghad-delitt ta' truffa taht l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti juru li l-imputat kien tkellem ma' certu Noel Pisani jekk kienx jaf lil xi hadd li jrid jirranga ghal xi dokumenti. Kien dan l-istess Noel Pisani li laqqa' lill-imputat mal-vittmi tieghu. Illi pero ghandu jinghad li f'dan il-kaz, ix-xhieda li xehedu hadd minnhom ma' qal li l-imputat kienet tahdem ma' xi agenzija jew inkella li kellu xi kuntatti partikolari ma' xi hadd li jista jirranga. Kull ma inghad kienet li huwa talab il-flus sabiex jithallas halli jkun jista' johrog il-visa. L-istess ghandu jinghad li David Zahra kien tah il-flus ghax suppost kellu jiehu cekk minn ghandu izda dan qatt ma kien wasal u ghalhekk kien hadlu biss il-flus.
Illi mill-fatti tal-kaz huwa ma tax l-impressjoni li kien xi agent tal-Agenzija ID Malta minn dak li qalu x-xhieda. Illi dan kollu wassal biex il-partijiet marru u fthiemu ghand nutar u saret kambjala ghal flus li huwa kien ha minn ghand iz-zewg persuni barranin. Illi pero fil-kaz ta' David Zahra f'dan il-kaz ma kien sar xejn. Illi ghandu jinghad li ghalkemm kien hemm ix-xhieda ta' Mohammed Al Khaled dan tal-ahhar qatt ma prezenta din il-kambjala ghalkemm iz-zewg nutara li kienu ghamlu dawn il-kambjali ikkonfermaw li kienu kitbu u saret quddiemhom.

Illi r-reat ta' truffa jenhtieg li jkun hemm il-mise-en-scene, li taghti l-kreditu lil dawk il-kliem ta' gideb u ingann. Illi f'dan il-kaz l-imputat ghalkemm ma uzax xi kliem li huwa kien xi agent pero ta' x'jifhem li huwa persuna li se jirranga l-visa. Illi huwa wkoll iffirma kambjala ta' self ta' flus ghal dan l-iskop biex ikompli jaghti x'jifhem li huwa jaghti l-fiducja lil dik il-persuna li taghtih il-flus. Illi huwa hawn il-mes-en-scene li titlob il-ligi ghal dan l-iskop. Kien ghalhekk li l-imputat bil-mod kif pogga l-fatti ta x'jifhem li sejjer jinhargu l-visa.
Illii ghalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat uza dawk ir-raggiri u artifizji biex b'hekk ghamel gwadan. Illi in oltre dan l-element irid ikun hemm l-element volontarju jew il-mens

rea cioe' b'mod volut u predeterminat sabiex igieghel lil haddiehor jemmen fl-ezistenza tal-hila jew is-setgha li ghandu. Il-gwadan f'dawn ic-cirkostanzi sar ghaliex kemm mix-xhieda kollha li resqet il-proskeuzzjoni hareg bic-car li l-flus thallsu lilhu sabiex jinhargu l-visa. Illi pero din il-Qorti tara li fil-kaz ta' David Zahra l-Qorti ma taqbilx mal-fatti kif sehhew li jistghu jissusti r-reat ta' truffa. Kien nuqqas serju tal-istess David Zahra meta kien lest li johrog ricevuta tal-VAT ghal xoghol li ma kienx sehh kif ukoll li qabad u ta l-flus minghajr ma qatt jistenna li jara c-cekk.

Ghaldaqstant dina l-Qorti qieghda ssib hati lill-imputat tal-ewwel akkuza taht l-artikolu 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-akkuzi l-ohra

Illi l-imputat huwa akkuzat fit-tieni akkuza tieghu li huwa kiser il-kundizzjonijiet impost meta nghata l-helsien mill-arrest. Illi ghalkemm gie prezentat dokument a fol 23 (Dok GF1), ma tela ebda ufficjal prosekutur jikkonfermah bil-gurament dwar il-kontenut tieghu jew inkella jikkonfema li ghadu fis-sehh. Il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex ipprezentat biss kopja legali tad-digriet li nghata mill-allura Magistrat Antonio Mizzi, pero' ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova li l-kaz in dizamina fejn l-imputat nghata l-liberta' provizorja ghadu ghaddej u cioe' ghadu sub-judice u li tali digriet ma giex revokat f'xi stadju ulterjuri.

Illi t-tielet akkuza taghmel referenza li l-imputat kien kiser ordni ta' probation mghotija fit-22 ta' Mejju 2018. Illi skont is-sentenza esebieta a fol 28 (dok GF3) kien inghata tlett snin ordni ta' Probation taht dak li hemm fl-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan il-kaz, ebda ufficjal li kellu x'jaqsam ma' dan il-kaz ma tela jixhed u jikkonferma l-ordni mghotija. Illi pero minn dak li hemm bhala dettalji fl-istess sentenza jidher li din il-persuna ta' Vincent Xuereb ghandu l-karta tal-identita bin-numru 82266M u ghalhekk huwa l-istess l-imputat. Illi f'dan il-kaz ma tresqet l-ebda prova li din l-ordni ta' probation ma baqghetx aktar fis-sehh jew inkella li giet konfermata min-naha tad-difiza u ghalhekk qeghda ssib lill-imputati hati talli kiser l-ordni ta' Probation mghotija lilu.

Illi ghandu jinghad li l-ordni ta' trattament kien gie mghoti taht l-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-istess sentenza tat-22 ta' Mejju 2018, li kien sar ghal perijodu ta' tlett snin. Illi fl-istess sentenza hemm imnizzel li dawn il-kundizzjonjiet huma elenkati fl-ordni. Illi pero' dawn l-ordnijiet elenkati ma ngiebux a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Illi ghalhekk barra minn dak li jghid l-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax tassumi x'kienu ladarba l-prosekuzzjoni naqset milli jgib bhala prova dawn il-kundizzjonijiet. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fuq dan ir-rigward.

Illi l-ahhar akkuza hija fuq dik tar-recidiva ghal dak li hemm fl-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghal dan il-ghan il-prosekuzzjoni gabet bhala prova sentenza a fol 25 mghotija fit-8 ta' Jannar 2011 fejn kien gie misjub hati u wehel sentenza sospiza taht dak li hemm fl-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Illi dan il-kaz sehh fis-sena 2018 u ghalhekk wara t-terminu operativ ta' din i-

sentenza. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-imputat huwiex recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jidher minn dawn is-sentenzi li l-imputat ilu jxellef dufrejh mal-gustizzja. F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abela Paul moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … "*

Illi f'dan il-kaz gew mghoddija diversi kopji ta' sentenzi fejn l-imputat kien gie misjub hati u f'wahda biss kien inghata sentenza sospiza u cioe' fis-sentenza tat-8 ta' Jannar 2011. Illi bla dubju ta' xejn din is-sentenza tindika li hija fil-konfront tal-imputat. Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni wriet li l-imputat kien recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 308, 412D, 532A, 532B, 533 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Vincent Xuereb hati ta' l-ewwel imputazzjoni (1) fil-konfront ta' Mohamed Al Khaled u Maher Mohammed biss, kif ukoll issibu hati tat-tielet (3) u l-hames (5) imputazzjonijiet, u ma ssibux hati tat-tieni (2) u r-raba (4) imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom, u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

Dr. Caroline Farrugia Frendo
Magistrat

Maria Grech Cardona
Deputat Registratur

**Decide:**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**